MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Numru. 10/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Zammit)**

**Vs**

**Joseph Cachia ta' 59 sena, iben Emanuel u Marcella nee` Deguara, mwieled Zebbug fit-23/03/1953, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 299153M u residenti gewwa 44, Arizona, Triq il-Muza, Siggiewi.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar it-02 ta' Dicembru 2012, ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija (23:30hrs) u fil-hinijiet ta'qabel, gewwa 44, Arizona, Triq il-Muza, Siggiewi, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Carmels Cachia detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 158552M skond kif iccertifikata minn Dr. Christina Zammit MD 3241 u dan

ai termini ta’ l-artikolu 2(i) tal-Kap 481 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ l-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Akkuzat ukoll talli irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li instab hati b’diversi sentenzi tal-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi kkopera mal-pulizija, il-fedina penali kwazi netta u l-fatt illi martu Carmela Cachia haffret lil zewgha ghall-inciden u li m’hemmx problemi matrimonjali bejniethom u li l-imputat iddispjacieh ferm ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(1)(b) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------